MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Numru 30/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmelo Maria Grazia**
**sive Karl Ebejer**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fis-16 ta' Jannar 2013 dwar l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkuzat. L-akkuzat appella

minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-21 ta' Jannar 2013.

**2.** Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fit-3 ta` Gunju 2010 (nru 30/2010), illi fl-10 ta` Awissu 2006, ghall-habta tas-1.00 a.m., gewwa Paceville, San Giljan: (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-ħajja tagħha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; u (2) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

**3.** Fis-7 ta` Lulju 2010, l-akkuzat ipprezenta nota ta` eccezzjonijiet. Ghal din in-nota, l-Avukat Generali wiegeb permezz ta` nota tieghu li kienet prezentata fit-13 ta` Lulju 2010.

**4.** Il-Qorti Kriminali, wara li semghet it-trattazzjoni ta` l-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat fl-udjenza tal-15 ta` Gunju 2011 fid-9.00 a.m., tat sentenza fejn cahdet dawk l-eccezzjonijiet fl-udjenza tad-9 ta` Novembru 2011.

**5.** L-akkuzat ta avviz ta` appell permezz ta` nota li pprezenta fl-istess udjenza li fiha nghatat is-sentenza.

**6.** Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant talab li din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx l-ewwel erba` eccezzjonijiet u minflok tilqa` dawk l-eccezzjonijiet u tikkonfermaha fil-bqija.

**7.** **L-ewwel erbgha (4)** eccezzjonijiet illi taghhom l-appellant qieghed jitlob ir-revoka jghidu hekk –

*“1. L-inammissibilita` ta` l-istqarrija ta` l-esponent (fol 51-52) in kwantu ttiehdet minghandu fl-assenza ta` avukat u minghajr ma thalla jikkonsulta ma` avukat.*

*“2. L-inammissibilita` ta` l-istqarrija ta` Mark Meli (fols 193 – 194) in kwantu l-imsemmi Mark Meli huwa xhud u mhux akkuzat f`dawn il-proceduri.*

*“3. L-inammissibilita` ta` Dok CE1 (fol 41 et seq kif ukoll f`partijiet ohra tal-process) esibit mill-ex Spettur Carlo Ellul in kwantu r-ritratti f`dan id-dokument huma montati b`mod u bil-ghan li joholqu pregudizzju ngust lill-esponent.*

*“4. L-inammissibilita` tad-dokument MM1 u r-relazzjoni ta` Martin Bajada maghmula a bazi ta` dan id-dokument (fol 355A et seq) ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti.”*

**8.** Dwar **<u>l-ewwel eccezzjoni</u>**, il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk -

*“… il-Qorti taghmel referenza ghal digriet taghha tat-tnejn (2) ta’ Settembru ta’ l-elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta kontra Sergii Nykytiuk li bih wara li ghamlet referenza ghal Sentenzi moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali iddikkjarat li l-linja gwida ghandha tkun li l-istatement jibqa’ fil-Process bhala parti mill-provi u moghti wkoll lill-gurija jekk mitlub, u spetta lil min irid jiggudika l-fatti jekk bhala fatt l-akkuzat kienx jew ma kienx assistit minn avukat fil-bidu nett ta’ l-arrest tieghu. Jekk ma kienx, allura dan ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istatement u min ghandu dritt jiggudika fuq il-fatti, jigi ndirizzat f’dan is-sens. Pero’ l-istatement ma ghandux « a priori » jigi sfilzat mill-Process ghax b’hekk ikun qed jigi uzurpat dritt ta’ konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiggudika l-fatti.”*

**9.** **<u>L-aggravju</u>** tal-appellant fir-rigward tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar l-ewwel eccezzjoni huwa dan –

*"Illi jinghad bl-akbar rispett li kwistjoni dwar lezjonijiet ta` drittijiet fondamentali m`ghandhomx jigu decizi mill-gurati. Ma huwiex kontestat mill-Avukat Generali li l-istqarrija ta` l-esponent ittiehdet minghandu fl-assenza ta` avukat u minghajr ma thalla jikkonsulta ma` avukat. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti Kriminali tfisser biss li l-gurati sejrin jintalbu jiddikjaraw dak li huwa ovvju u dak li ma huwiex kontestat b`mod ghalhekk li ser jigu a konjizzjoni ta` prova li ttiehdet b`mod lesiv ghad-drittijiet fondamentali tieghu. Tali sitwazzjoni tirrazenta l-assurd u timmerita li tigi ndirizzata b`mod iktar sodisfacjenti u konformi mal-lezjoni jew lezjoni potenzjali tad-drittijiet imsemmija."*

**10. Din il-Qorti <u>tirriafferma</u> l-posizzjoni li esprimiet dwar aggravju simili ghal dak tal-lum fis-sentenza taghha (diversament komposta) tat-13 ta` Gunju 2013 fil-kawza *Ir-Repubblika ta` Malta vs Giovanna Pace et.***

**11.** Din il-Qorti zzid tirrileva illi mhuwiex il-kaz illi *kwistjoni dwar lezjonijiet ta` drittijiet fondamentali* sejra tkun deciza mill-gurati. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha, il-gurati mhux sejrin jesprimu ruhhom dwar dritt izda sejrin jinghataw direzzjoni mill-imhallef togat dwar punti ta` dritt inkluz dwar x`ghandhom iqisu meta jigu biex iqisu l-provi illi dwarhom huma jkunu jridu jaghtu decizjoni.

**12. Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel aggravju.**

**13.** Dwar **<u>it-tieni eccezzjoni</u>**, il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk -

*"... din il-Qorti jidhirlha illi Mark Meli huwa ndikat bhala xhud u ser jixhed f'dawn il-proceduri. Hija prassi illi stqarrija ma tigix sfilzata mill-Process izda tibqa' hemm hekk sabiex tintuza ghal fini ta' kontroll fil-kaz illi Mark Meli jinsa jew jikkontradixxi xi parti minn xhieda illi jkun ta qabel. U hu permess illi jigi kkonfrontat minn depozizzjoni*

*illi jkun ta qabel sabiex lil min ghandu jiggudika jkun jista' jikkonsidra l-konsistenza tax-xhud. Ghalhekk tichad din it-tieni eccezzjoni."*

**14.** **<u>L-aggravju</u>** tal-appellant fir-rigward tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar it-tieni eccezzjoni huwa dan –

*"Illi jinghad bl-akbar rispett li l-istqarrija ta` Mark Meli giet trattata mill-qorti bhala semplici stqarrija ta` xhud ... Dak li l-Qorti Kriminali ma ndirizzatx kien il-fatt li l-istqarrija tinsab f`dawn l-atti bhala l-istqarrija ta` persuna li kienet ko-akkuzata u li llum m`ghadhiex ko-akkuzata in kwantu l-Avukat Generali ghamel is-separazzjoni tal-gudizzju. Dik l-istqarrija qatt ma kienet intiza bhala mezz ta` kontroll skond il-prassi definita mill-Qorti fis-sentenza appellata. Illum Mark Meli m`ghadux akkuzat fl-istess process ta` l-esponent u dawk il-partijiet tal-process li gew inkluzi in kwantu kienu jirrigwardaw lilu esklussivament m`ghandhomx jithallew fil-process bil-premessa li jistghu jservu bhala mezz ta` kontroll."*

**15.** Din il-Qorti tghid hekk :

Ladarba Mark Meli m`ghadux ko-akkuzat, huwa **<u>ammissibbli</u>** bhala xhud fil-procediment kontra l-appellant. Propju ghax hu xhud ammissibbli, kwalsiasi stqarrija li seta` ghamel Mark Meli ghandha tibqa` taghmel parti mill-atti tal-procediment tal-lum ghaliex tista` sservi bhala kontroll fuq dak illi jixhed.

**16.** **Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni aggravju.**

**17.** Dwar **<u>it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet</u>**, il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk -

*"… rigward ir-ritratti qed jinghad illi dawna huma montaturi tal-parti civili u maghmula biex jimpressjonaw il-*

*gurati. Fi kwalunkwe kaz hemm it-tobba li jistghu jixhdu dwar il-feriti.*

*"Il-Qorti tirrileva illi l-espert Martin Bajada gie nominat mill-Qorti. Ir-ritratti huma prova tan-natura tal-griehi illi sofra l-parti civili u tirriforma parti mix-xoghol li ghamel l-espert u ghalhekk ghandhom jibqghu fl-atti biex iservu wkoll ghal fini ta' skrutinju kemm mid-difiza u kif ukoll mill-prosekuzzjoni fuq xhieda moghtija mill-espert tekniku. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ukoll qed jigu michuda."*

**18.** **L-aggravju** tal-appellant fir-rigward tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar dawk l-eccezzjonijiet huwa dan –

*"Illi jibda biex jinghad li r-raba` eccezzjoni hija konsegwenzjali ghat-tielet wahda in kwantu r-ritratti montati mill-parte civile gew iktar `il quddiem uzati mill-espert Martin Bajada. A parti minn hekk il-Qorti Kriminali ma ndirizzatx dawn l-eccezzjonijiet. Jinghad bl-akbar rispett li dawn l-hekk imsejha provi ma huma provi xejn u essendo montaturi m`ghandhomx jithallew ghall-iskrutinju tal-gurati u dan indipendentement minn jekk hemmx tobba li sejrin jixhdu jew le."*

**19.** Din il-Qorti tghid hekk :

Ir-ritratti li ghalihom qieghed jaghmel oggezzjoni l-appellanti huma **ammissibbli** bhala prova. Ghalhekk mhijiex kondiviza l-fehma tal-appellant illi fis-sentenza taghha l-Qorti Kriminali ma ndirizzatx it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet. Fuq livell differenti, din il-Qorti tghid illi mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti illi f`dan l-istadju tal-procediment kontra l-akkuzat tippronunzja ruhha dwar l-**attendibilita`** ta` dawk ir-ritratti bhala prova. Skrutinju ta` dik ix-xorta ghandu jsir fil-guri kif jiddisponi l-Kap 9.

**20. Il-Qorti qieghda tichad it-tielet aggravju.**

**21. Il-Qorti qieghda ghalhekk tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat Carmelo Maria Grazia sive Karl Ebejer.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------